



Dokument ta' sessjoni

B8-1243/2016

...

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura
dwar il-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni tal-migranti

Dominique Bilde, Marine Le Pen, Steeve Briois

Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni tal-migranti

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-irħula Franċiżi huma nvażati mill-"migranti", konsegwenza taż-żarmar tal-"ġungla ta' Calais";
- B. billi ħafna minn dawn l-allegati "rifuġjati" għandhom karti foloz, ġejjin mill-Afrika sub-Saħarjana, jallegaw li huma minuri iżda fil-verità huma adulti, xi drabi jkollhom rekord kriminali fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom u huma rġiel waħedhom, fatt li wassal għall-avveniment traġiku tal-ewwel tas-sena f'Cologne;
- C. billi r-rieda tal-Unjoni Ewropea li timponi kwoti ta' migranti lill-pajjiżi Ewropej hija totalitarja u tmur kontra l-valuri tad-demokrazija;
- D. billi, meta l-Ewropej jiġu msejħa biex jivvutaw, kif kien il-każ riċentement fl-Ungerija, il-maġġoranza kbira tagħhom jopponu l-immersjoni demografika li qed jippruvaw jimponu fuqhom;
- 1. Jitlob lill-Unjoni Ewropea biex tħalli lill-Istati Membri jiddeċiedu b'mod sovrannu dwar il-politika tagħhom ta' akkoljenza u jitlob it-tneħħija tal-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni tal-migranti;
- 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri.